DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 8/2009

tal-5 ta' Frar 2009

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 112/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 ([1]).

(2) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 129/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 ([2]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) ([4]), ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) ([5]), u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' interoperabilità) ([6]) ġew integrati fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 67/2006 ([7]) tat-2 ta' Ġunju 2006, b'adattamenti speċifiċi tal-pajjiż.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 482/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi sistema ta' garanzija tas-sigurtà tas-softwer li għandha tiġi implimentata mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 ([8]) għandu jkun integrat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea ([9]), li kien integrat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 179/2004 ([10]) tad-9 ta' Diċembru 2004, id-Direttiva rrevokata 80/51/KEE ([11]) u l-Anness II għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 ([12]), li huma integrati fil-Ftehim u li sussegwentament għandhom ikunu rrevokati taħt il-Ftehim,

([1]) ĠU L 339, 18.12.2008, p. 100.
([2]) ĠU L 25, 29.1.2009, p. 36.
([3]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.
([5]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20.
([6]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
([7]) ĠU L 245, 7.9.2006, p. 18.
([8]) ĠU L 141, 31.5.2008, p. 5.
([9]) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.
([10]) ĠU L 133, 26.5.2005, p. 37.
([11]) ĠU L 18, 24.1.1980, p. 26.
([12]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-test ta' punt 2 (id-Direttiva 80/51/KEE) tal-Kapitolu XVII tal-Anness II tal-Ftehim għandu jitħassar.

Artikolu 2

L-Anness XIII għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66a (id-Deċiżjoni (KEE) Nru 3922/91):

"— **32002 R 1592**: Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 (ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1)."

(2) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 66we (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1265/2007):

"66wf. **32008 R 0482**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 482/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi sistema ta' garanzija tas-sigurtà tas-softwer li għandha tiġi implimentata mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 (ĠU L 141, 31.5.2008, p. 5).".

(3) L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66x (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005):

"— **32008 R 0482**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 482/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 (ĠU L 141, 31.5.2008, p. 5)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 482/2008 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-6 ta' Frar 2009, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Frar 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.